**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)**

**ILLUM 29 TA' MARZU 2017**

Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)

Vs

Francis Formosa u Joseph Brincat

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputati ta' karta tal-identita' 409470m u 8661m rispettivament talli fl-20 t'Ottubru 2009 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda :

a. ircevew minghand xi hadd iehor jew kissbu minghand xi hadd iehor xi weghda li jinghataw, lilhom jew lil ohrajn, b'korrispettiv ghal xi self, mghaxijiet jew xi qligh iehor taht liema ghamla jkun b'eccess minn dak li jkun permess bil-ligi;
b. fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, bl-imgieba taghhom. ikkagunaw lil haddiehor biza li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta tieghu jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kontra Francis Formosa wahdu talli:

a) wettaq reat fiz-zmien operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti ta' Malta fl-4 ta' Dicembru 2008;
b) kiser il-kondizzjoni li biha kien illiberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fiz-zmien tlett snin minn sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta fl-24 ta' Settembru 2009, liema sentenza hija definittiva u ma tistghax tigi mibdula;
c) sar recidiv ghat-termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie ikkundannat b'diversi sentenzi mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/I ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u dokumenti kollha;

Semghat ix-xhieda;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi komuni li jolqtu z-zewg imputati jippotizzaw r-reat ta' usura u l-ikkagunar ta' biza fuq haddiehor uzu ta' vjolenza kontra tieghu.

Fir-rigward l-imputat Francis Formosa: fil-konfront ta' dan l-imputat l-kwerelant xehed li bejn Gunju u Lulju 2008 kien issellef l-ammont ta' €7,000 dwar liema l-kwerelant stqarr li kien hallas €17,000 u, f'Ottubru 2009, l-imputat Formosa kien insista mieghu li kien jonqsu jaghtih €20,000. Il-kwerelant esebixxa rendikont li jigbor fih l-ammonti u d-dati tal-pagamenti li kien ghamel. Esebixxa wkoll numru ta' messaggi li kien irceva minghand il-kwerelant inkluz maghhom messaggi li kien bghatlu hu. Fil-konfront ta' dawn il-messaggi l-Qorti mhux qeghdha tirrijavvisa ebda reat fit-termini tal-Artikolu 251B tal-Kap 9 u cjoe' r-reat li tqanqal biza b'theddid li ser tintuza vjolenza b'liema offiza l-imputat 'inter alia' hu espressament akkuzat u dana stante li l-prova fir-rigward tirriferixxi semmai ghall-okkazzjoni wahda biss (li ma kellha ebda segwitu) u li waheda mhix bizzejjed li tikkostitwxi ir-reat 'in parola'.

Fir-rigward l-imputat l-iehor Joseph Brincat: fil-konfront ta' dan l-imputat l-Qorti ser tirriproduci verbatim dak li xehed il-kwerelant. Dan qal kif isegwi:

"Mistoqsi dwar l-imputat l-iehor Joseph Brincat nghid illi jiena ma dan l-imputat gieli ghamilt negozju pero' dan negozju regolari u qatt ma kien hemm kwistjoni ta' uzura fih u lanqas inkwiet ta' xejn. Darba niftakar li kelli naghtih xi haga u konna fthemna jiena u l-imputat Joseph Brincat biex inpartu dak li kelli naghtih permezz ta' jet-ski.. Dan il-fastidju li kien iktar minn darba u dan nikkalkula xi sitt darbiet kien jikkonsisti filli jigi d-dar u mill-bieba li hemm fil-bieb principali tieghi, wara li kien jiftaha, jibda jinsuletani imbruljun u li sraqtu u affarjiet simili. Dawn l-insulenzi kienu jigru wkoll barra meta kien jarani fit-triq…".

Ikkonsidrat:

Minn dak li ntqal hawn fuq ghandu jkun wisq car li:

(a) Ghal dak li jirrigwardja lill-imputat Joseph Brincat r-reat ta' usura certament mhux pruvat anzi jinsab ghal kollox eskluz mix-xhieda tal-kwerelant. Rigward l-offiza ai termini tal-Artikolu 251B tal-Kap 9 (il-biza li ser tintuza vjolenza) lanqas din ma tissusisti billi mhux konsoni max-xhieda tal-kwerelant li ghandha, fattizzji tal-fastidju li f'kull kaz huwa reat distint u separat.

(b) Ghal dak li jirrigwardja lill-imputat Joseph Farrugia hija l-fehma ta' din il-Qorti li ghandu jinstab hati, izda, biss, taht l-Artikolu 298C(1) tal-Kap 9 li jikkontempla l-uzurja. Mill-bqija l-offizi kontra tieghu ma jirrisultawx senjatament ghaliex il-provi dwarhom ma ngabux. Fil-konfront tal-uzurja, pero', dina tinsab pruvata u xejn ma jista jiggova lill-imputat jekk kellux jmur jissellifhom minghand haddiehor biex 'jaqdi' lill-kwerelant, fattur, li irrispettivament jekk huwiex veru jew le, m'ghandu l-ebda riflessjoni fuq il-htija Apparti dan l-Qorti qeghdha tqis ix-xhieda tieghu inverosimili u priva mill-kredibilita'

Ghaldaqstant: tillibera lill-imputat Joseph Brincat mir-reati kollha migjuba kontra tieghu stante li ma jirrisultawx; issib lill-imputat Francis Formosa hati tal-akkuza enumerata (a) igifieri ta' uzurija. Rat l-Artikolu 298C(1) tal-Kap 9 u tikkundannah tmintax il-xahar priguneria u multa ta' tlett telef euro (€3000) pagabbli minnufih altrimenti konvertibbli fi prigunerija skond il-ligi.

A.M.Trigona
Magistrat